# FIL-QORTI ĊIVILI
# SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum, l-Erbgħa, 23 ta' Ottubru, 2024**

**Rikors Numru: 63/2024 ISB**

**Wara l-ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru 806/2024 fl-ismijiet:**

**Dylan Aquilina (KI Nru 228794M)**

**Vs**

**Pandora Mobility Limited (C-102769) et**

**DAN HUWA DIGRIET MOGĦTI *IN CAMERA* GĦAT-TALBA TA' MARK MUSSETT DETENTUR TAL-KARTA TAL-IDENTITA' BIN-NUMRU 543394M, MAGĦMUL AI TERMINI TAL-ARTIKOLU 836(1)(d) U (f) TAL-KAP 12 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**Rikors** taL-25 ta' Ġunju 2024 ppreżentat ai termini tal-Artiklu 836(1)(d) u (f) tal-KAP 12 tal-Liġijiet ta' Malta minn Mark Mussett;

Rat id-Digriet proviżorju tagħha tal-10 ta' Lulju 2024;

Rat **ir-Risposta ta' Dylan Aquilina** mressqa fl-4 ta' Ottubru 2024;

Rat il-verbal tas-seduti tat-18 ta' Ottubru 2024 u tal-21 ta' Ottubru 2024;

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri;

Rat l-atti ta' din il-procedura;

Rat l-atti tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numru 63/2024;

Rat l-atti tal-kawza bin-numru 73/2024ISB pendenti bejn l-istess partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi qed jitressaq dan ir-rikors ai termini tal-**Artikolu 836(1) (d) u (f) tal-KAP 12** –

> (d) *jekk jintwera illi l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv;*
>
> (f) *jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli*.

Minn qari tar-rikors, mit-trattazzjoni tal-abbli difensur tar-rikorrent u mill-atti, il-Qorti tifhem illi l-hawnhekk intimat Dylan Aquilina ressaq azzjoni quddiem din il-Qorti a bażi tal-Artikolu 402 tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta, liema kawża saret f'Novembru 2023 u sussegwentament f'Ġunju 2024 huwa ressaq Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju bin-numru 63/2024 li huwa l-mertu ta' dan ir-rikors.

Ir-rikorrenti Mark Mussett jgħid illi l-Mandat ġie mitlub fuq il-premessa illi l-ammont indikat huwa "*sehem is-sekwestrant minn flejjes tal-kumpanniji sekwestrati u tas-sekwestrat, liema flejjes jinsabu fil-pussess tas-sekwestrati*" - pero' jonqos milli jindika fiex jikkonsisti l-kreditu kawtelat. Jgħid illi minn skambju illi sar bejn il-partijiet irriżulta illi l-ammont kawtelat jikkonsisti f'żewġ ammonti, wieħed ta' €8,500 u l-ieħor ta' €54,000. Mit-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet, jirriżulta illi din l-asserzjoni tar-rikorrenti hija korretta.

Fir-rigward tal-ewwel ammont, ir-rikorrent jgħid illi dawk jirrappreżentaw ħlas li sar minn terz, Joseph Aquilina, f'Lulju 2022 lis-soċjeta' Cycle World Limited, mentri dwar l-ammont l-ieħor jgħid illi dak kien mertu ta' ftehim ta' self li sar ukoll f'Lulju 2022 mas-soċjeta' Pandora Mobility Limited. Jsostni għalhekk illi l-ammont kawtelat in effetti jirrappreżenta flejjes mislufa lil kumpannija sekwestrata Pandora Mobility Limited. Dwar iż-żewġ ammonti u dwar iż-żewġ sottomissjonijiet, ir-rikorrent ppreżenta dokumentazzjoni in sostenn tal-pożizzjoni tiegħu.

Ir-rikorrent, permezz tad-difensur tiegħu sostna illi bil-Mandat kif preżentat, in effetti saru tlett Mandati kontra tlett intimati dejjem għall-istess ammont li s-sekwestrant ried jikkawtela – u jsostni illi dan huwa abbuż tal-proċedura. Sostna illi minn ħarsa lejn l-atti tal-kawża għandu jirriżulta ċar illi s-sekwestrant ma għandux raġun u għalhekk *prima facie* jirriżulta illi l-Mandat ma hux ġustifikat fil-konfront tiegħu.

Min-naħa tiegħu, l-intimat sekwestrant Dylan Aquilina jsostni illi dak li qed isir huwa illi jikkawtela s-somma ndikata sakemm il-kawża tkun deċiża fil-mertu, kawża, li huwa jsostni "*fetaħ kontra l-intimat Mark Mussett u ż-żewġ kumpaniji tiegħu msemmija*". Jgħid illi l-flejjes kien ħariġhom hu bħala sehmu minn negozju li l-partijiet kellhom jiġġestixxu flimkien, iżda r-rikorrent Mussett, "*rċevihom hu personalment, sarrafhom u żammhom għalih*".

**Ikkunsidrat:**

Illi jidher paċifiku jingħad illi s-sekwestrant Dylan Aquilina għandu sehem ugwali ta' 750 sehem fis-soċjeta' Pandora Mobility Limited, huwa l-ewwel direttur tal-istess kumpannija u huwa wkoll s-segretarju tal-istess kumpannija. Huwa għalhekk mhux biss ovvju illi huwa żbaljat Dylan Aquilina meta jirreferi għal kumpannija Pandora Mobility Limited bħala kumpanija tar-rikorrenti Mark Mussett, iżda huwa addirittura f'pożizzjoni tajba ħafna illi jara bl-aħjar mod l-andament ta' din il-kumpannija, kemm f'dak li jirrigwarja kotba, kemm operat, kemm laqgħat illi għandhom jinżammu u kif ukoll l-amministrazzjoni ordinarja tal-kumpannija.

Ukoll, fuq livell prima facie ma hemmx dubbju illi in kwantu s-somom ta' flus fuq indikati, l-ammont ta' €8,500 tħallsu b'ċekk ta' Joseph Aquilina, u ċertament illi jinħtieġ stħarriġ ferm aktar approfondit – li wieħed jistenna illi jsir jekk ikun il-każ, fil-kors tal-kawża – sabiex jiġi stabbilit mod ieħor. F'dan l-istadju u għal finijiet tal-odjerni proċeduri, il-Qorti għandha biss quddiemha kopja tac-ċekk maħruġ minn Joseph Aquilina u mhux minn Dylan Aquilina.

Fir-rigward tas-somma ta' €54,000, il-Qorti tqis illi dak li għandha quddiemha huwa *loan agreement* illi sar fil-25 ta' Lulju 2022 bejn Dylan Aquilina u s-soċjeta' Pandora Mobility Limited u allura ma hemmx dubbju f'moħħ il-Qorti illi almenu fuq livell *prima facie*, il-flejjes ġew ivversati minn Dylan Aquilina lill-kumpannija Pandora Mobility Limited u mhux lil Mark Mussett. Di piu' l-istess ftehim anke jindika r-raġuni għaliex kien qed isir dak is-self u x'kellu jsir minn dawk il-flus – li jikkonċidi preċiż mal-operat illi għalih twaqqfet il-kumpannija li tagħha s-sekwestrant għandu nofsha.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk[1]:

> *Hu pacifiku li l-ezami li trid taghmel il-Qorti hu dak biss ta' prima facie ghaliex il-mertu kollu jigi trattat u deciz fil-kawza bejn il-partijiet. Ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel din il-Qorti f'dan l-istadju, tenut kont li si tratta dejjem ta' procedura preliminari li ghadha qieghda tistenna l-ezitu finali tal-kawza dwar ilmertu. (Ara s-sentenza fl-ismijiet* ***Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut*** *datata 5 ta' Ġunju 2003).*

Ukoll, fid-digriet tagħha tal-21 ta' Lulju 2021 fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet **Johan Huy pro et noe. vs Mark Attard**, intqal hekk:

> *Issa biex jitħassar mandat taħt l-artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-qorti trid tistħarreġ żewġ affarijiet: fl-ewwel lok, jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li l-esekutant għandu bażi ta' pretensjoni; u fit-tieni lok jekk dan wasalx biex jillikwida tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu maħluf fil-mandat (ara* ***Dr. Henri Mizzi pro et noe v. Jebmed Srl*** *deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Settembru, 2019);*

Il-Qorti għalhekk tqis illi bir-riżultanzi li għandha quddiemha tista' tgħid illi r-rikorrenti għandu mis-sewwa meta jinvoka s-sub-inċiż (d) tal-Artikolu 836(1) tal-Kap 12, għaliex irnexxielu jipprova mqarr fuq livell *prima facie* illi l-ammont mhux ġustifikat kif mitlub fil-konfront tiegħu. Il-Qorti mad-daqqa t'għajn ma tqisx illi l-eżekutant għandu pretensjoni għal dawk il-flejjes fil-konfront tar-rikorrenti. Din id-deċiżjoni b'ebda mod ma għandha tfisser jew tinftiehem illi l-Qorti qed tesprimi ruħa fuq il-mertu tal-kawża pendenti bejn il-partijiet.

Magħmula din il-konklużjoni, li a bażi tagħha l-Qorti sejra tilqa' t-tieni talba tar-rikors odjern limitatament a bażi tal-Artikolu 836(1)(d), il-Qorti ma tħossx illi huwa neċessarju illi tistħarreg ukoll it-tieni bażi tar-rikors, ossia jekk il-Mandat għandux jibqa' fis-seħħ a bażi tas-sub-inciż (f) peress illi dan ikun issa superfluwu.

B'danakollu, jibqa' illi l-Qorti tikkunsidra t-tielet u r-raba' talba tar-rikorrenti, magħmula ai termini tal-Artikolu 836(8) u 836(9) tal-KAP 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

---

[1] 1223/2013LSO Gasan Mamo Insurance Limited (C 2143) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Zarb Garage Limited (C 7125) u l-istess Zarb Garage Limited (C 7125). vs Roc A Go Crane Services Limited (C 27553), Anthony Theuma (ID 422369), Victor Micallef (ID 940547M), Kevin Bartolo (ID 243583M), Salvatore Micallef (ID 381267M). – 6.02.2014

L-Artikoli msemmija igħidu espressament hekk:

*(8) Il-qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun inħareġ att kawtelatorju fuq talba tiegħu sabiex iħallas penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu(1,164.69) u mhux iżjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenineuro u tnax-il ċenteżmu (6,988.12) li jmorru għand il-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju, f'kull każ minn dawn li ġejjin:*
*(a) jekk ir-rikorrent, mingħajr raġuni valida, ma jagħmilx il-kawża dwar it-talba fiż-żmien stabbilit bil-liġi;*
*(b) jekk, fit-talba tal-konvenut għat-tneħħija tal-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiġġustifika li l-att kawtelatorju kellu jinħareġ jew illi fi żmien ħmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors għall-ħruġ tal-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jħallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wieħed likwidu, sabiex jipprovdi sigurtà biżżejjed:*
*Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma għandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm raġunijiet ta' urġenza għall-ħruġ tal-mandat;*
*(ċ) jekk iċ-ċirkostanzi tad-debitur kienu tali li ma jagħtux lok għal xi dubju raġonevoli dwar il-likwidità tiegħu u dwar il-kapacità finanzjarja tiegħu li jħallas it-talbiet tar-rikorrent, u din il-qagħda tad-debitur kienet magħrufa sew;*
*(d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja.*

*(9) Fil-każijiet li jaqgħu taħt is-subartikolu ta' qabel dan, il-qorti tista', meta jsirilha rikors mill-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju, tikkundanna lir-rikorrent li fuq talba tiegħu jkun inħareġ il-mandat kawtelatorju sabiex iħallas dawk id-danni lil dik il-persuna li hija setgħet ġarrbet bil-ħruġ tal-mandat, u f'kawżi bħal dawk il-qorti għandha tara u tuża l-iskritturi tal-proċedimenti tal-att kawtelatorju u ta' kull proċediment ieħor li joħroġ jew jitnissel minnu, u dawk l-iskritturi għandhom jitqiesu bħala prova ammissibbli għall-finijiet ta' din l-azzjoni*

Fir-rigward tat-**tielet talba**, il-Qorti tqis illi ma hemmx indikat għal-liema sub-inċiz qed issir referenza u kwindi ma jirriżultax ai termini ta' liema bażi qed jintalbu l-penali fir-rigward ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 836(8) tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti ma għandhiex tassumi hi a bażi ta' liema sub-inċiż rikorrent ikun qed iressaq il-pretensjoni tiegħu.

Fir-rigward tar-**raba' talba** mbagħad, u b'zieda ma' dak hawn fuq dikjarat, il-Qorti tqis ukoll illi ma nġiebet l-ebda prova ta' danni illi qed jippretendi r-rikorrenti.

**GĦALHEKK,** għal dawn il-motivi, din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi r-rikors tat-25 ta' Ġunju 2024 billi:

1. **TASTJENI milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba.**

2. **TILQA' t-tieni talba u tordna t-tħassir u r-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju bin-numru 806/2024 ai termini tal-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta limitatament fil-konfront tal-hemmhekk sekwestrat Mark Mussett, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 543394M.**

3. **TIĊĦAD it-tielet u r-raba' talbiet għar-raġunijet hawn fuq mogħtija.**

**Bl-ispejjeż kollha ta' din il-proċedura a karigu tas-sekwestrant hawnhekk intimat Dylan Aquilina.**

**Digriet moghti *in camera*, illum, l-Erbgħa, 23 ta' Ottubru 2024.**

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**